# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.07

## REGOLAMENTI DWAR PROĊEDURA SPEĊJALI AMMINISTRATTIVA

1 ta' Settembru, 2000

*L-AVVIŻ LEGALI 162 ta' l-2000.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Proċedura Speċjali Amministrattiva. Titolu.

**2.** (1) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti: Tifsir.

"l-Att tfisser l-Att dwar ix-Xandir; Kap. 350.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa bl-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"*Chief Executive*" tfisser iċ-*Chief Executive* ta' l-Awtorità jew kull uffiċjal jew impjegat ieħor ta' l-istess Awtorità iżda ma tinkludix lis-Segretarju ta' l-Awtorità;

"kodiċi" tifsser il-Kodiċi għall-Investigazzjoni u għad-Determinazzjoni ta' Ilmenti;

"persuna li tagħmel ilment" tfisser terza persuna milquta li titlob lill-Awtorità biex din tara li xandar jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' l-Att;

"Segretarju" tfisser is-Segretarju ta' l-Awtorità jew kull uffiċjal jew impjegat ieħor ta' l-istess Awtorità iżda ma tinkludix liċ-*Chief Executive* ta' l-Awtorità.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom jingħataw l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att.

**3.** (1) Iċ-*Chief Executive* għandu jagħti avviż ta' akkuża lil xandar. Iċ-*Chief Executive* għandu jagħti avviż ta' akkuża.

(2) Fl-imsemmi avviż, iċ-*Chief Executive* għandu jirreferi għad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att jew tar-regoli, jew tar-regolamenti jew kodiċijiet magħmula taħtu li x-xandar ikun qed jiġi akkużat li jkun kiser.

(3) F'dak l-avviż, iċ-*Chief Executive* għandu wkoll jgħarraf lix-xandar bil-penali li hemm għal dak il-ksur fil-każ li jinsab ħati u dwar l-ammont tal-penali mnaqqsa li tista' titħallas mix-xandar u dwar il-perijodu li fih din tista' titħallas li kieku x-xandar kellu jagħżel li jħallas penali mnaqqsa skond il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att.

(4) Wara li l-Awtorità tkun semgħet it-trattazzjoni orali taċ-*Chief Executive* u tax-xandar, ic-*Chief Executive* u x-xandar għandhom jirtiraw mis-seduta ta' l-Awtorità meta l-Awtorità tkun ser tgħaddi biex tiddiskuti u tiddeċiedi l-akkuża.

(5) Is-Segretarju ta' l-Awtorità għandu jikkomunika bil-miktub id-deċiżjoni ta' l-Awtorità liċ-*Chief Executive* u lix-xandar.

Ilment imressaq minn persuna li tagħmel ilment.

**4.** Meta ilment jitressaq minn persuna li tagħmel ilment ikun jolqot lil xi wieħed mir-reati msemmija fir-regolament 3(2), il-proċedura stabbilita fil-Kodiċi għall-Investigazzjoni u għad-Determinazzjoni ta' Ilmenti għandha tiġi segwita bla ħsara għal dawn ir-regoli li ġejjin:

(*a*) meta l-persuna li tagħmel ilment ma tkunx sodisfatta bir-risposta tax-xandar u titlob lill-Awtorità biex tisma' u tiddeċidi l-ilment tiegħu skond ma hu pprovdut fir-regolament 7 tal-kodiċi, iċ-*Chief Executive* għandu jikkonforma ruħu mad-disposizzjonijiet tar-regolament 3(1), (2) u (3);

(*b*) il-proċedura stabbilita fir-regolament 3(4) għandha tiġi segwita mill-Awtorità u l-persuna li tagħmel ilment, jekk tattendi, għandha wkoll tirtira mis-seduta ta' l-Awtorità;

(*ċ*) il-proċedura stabbilita fir-regolamenti 8 sa 16 tal-kodiċi għandha tiġi segwita:

Iżda ċ-*Chief Executive* għandu jassisti lil-persuna li tressaq ilment u l-frażi "persuna li tagħmel ilment" kulfejn din tidher fir-regolamenti 8 sa 16 tal-kodiċi għandha wkoll tinkludi, għall-finijiet ta' dak kollu li hemm ipprovdut dwaru f'dan ir-regolament referenza għaċ-*Chief Executive*.